# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

## IMHALLEF

## ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

## ILLUM 7 ta' Dicembru, 2000.

**Kawza Nru. 1.**

**Citazz. Nru. 2164/00 JRM**

**BANK of VALLETTA p.l.c.**

**vs**

**1. GOLDEN ORE Company Limited, u**

**2. Anthony u Anna mizzewgin NICHOLLS**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-Citazzjoni li bih is-socjeta' attrici wara li ppremettiet:

Illi bit-termini u l-kundizzjonijiet imsemmija f'zewg kuntratti in atti Nutar Dottor Paul Pullicino datati 25 ta' Settembru 1995 (Dok "A") u 11 ta' Gunju 1998 (Dok "B"), is-socjeta' attrici Bank of Valletta p.l.c. ikkoncediet "Loan u Overdraft Facilities" lill-konvenuta socjeta' Golden Ore Company Limited;

Illi l-attrici tinsab kreditrici tal-konvenuta socjeta' Golden Ore Company Limited fis-somma ta'  tnejn u tletin elf, seba' mija u tliet u tletin liri maltin u disghin centezmu (LM32,733.90) bilanc ghad-debitu fil-"Loan u Overdraft Accounts" ta' Golden Ore Company Limited mal-Bank of Valletta p.l.c (Dok "C", Dok "D" u Dok "E1 sa E59") flimkien mal-imghax ulterjuri mill-1 ta' April 2000 sad-data tal-effettiv pagament;

Illi bit-termini u l-kundizzjonijiet imsemmijia f'zewg kuntratti in atti Nutar Dottor Paul Pullicino datati 25 ta' Settembru 1995 (Dok "A") u 11 ta' Gunju 1998 (Dok "B"), il-konvenuti Anthony u Anna mizzewgin Nicholls iggarantew flimkien u "in solidum" ma' Golden Ore Company Limited, ghaf-favur tal-Bank of Valletta p.l.c., id-debiti tal-istess Golden Ore Company Limited mal- Bank of Valletta p.l.c.;

Illi l-konvenuti gew interpellati permezz ta' zewg ittri ufficjali datati 21 ta' Gunju 2000 li kopja taghhom qed tigi hawn esebita u mmarkata Dok "F" u Dok "G", sabiex ihallsu d-dejn fuq imsemmi, izda dawn baqghu inadampjenti;

Ghalhekk is-socjeta' attrici talbet lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex ghar-ragunijiet fuq imsemmija:

1. Tikkundanna lil Golden Ore Company Limited u lil Anthony u Anna mizzewgin Nicholls ihallsu lis-socjeta' attrici flimkien u "in solidum" bejniethom is-somma ta' tnejn u tletin elf, seba' mija u tlieta u tletin liri maltin u disghin centezmu (Lm32,733.90) bilanc ghad-debitu fil-"Loan u Overdraft Accounts" ta' Golden Ore Company Limited mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok "C", Dok "D" u Dok "E1 sa E59") flimkien mal-imghax ulterjuri mill-1 ta' April 2000 sad-data tal-effettiv pagament;

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittri ufficjali datati 21 ta' Gunju 2000 u tal-Mandati ta' Sekwestru u ta' Qbid li qed jigi prezentati kontestwalment kontra l-konvenuti li huma ngunti minn issa sabiex jidhru ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarzzjoni u n-nota tax-xhieda tas-socjeta' attrici;

Rat illi c-citazzjoni giet debitament notifikata lill-konvenuti li naqsu li jipprezentaw nota ta' eccezzjonijiet u hekk baqghu kontumaci izda, minflok, ipprezentaw in-Nota hawn taht imsemmija;

Semghet ix-xhieda tas-socjeta' attrici;

Semghet l-Avukat tas-socjeta' attrici;

Rat in-Nota tas-16 ta' Novembru, 2000 (f'pagna 85 tal-process) li permezz taghha l-konvenuti kollha ammettew it-talba attrici kif dedotta;

Rat in-nota tas-socjeta' attrici li biha rriduciet it-talba b'erba' mija u sitta u erbghin lira maltin u tmenin centezmu (Lm446.80c) stante pagament akkont fil-mori tal-kawza;

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Billi mill-ammissjoni tal-konvenuti, it-talba ridotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata;

Fuq ammissjoni tal-konvenuti tiddeciedi billi **tilqa' t-talba tas-socejta' attrici** limitatament ghas-somma ta' tnejn u tletin elf, mitejn u sebgha u tmenin liri maltin u ghaxar centezmi (Lm32,287.10c) u bl-imghaxijiet kif mitluba u bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

**Moqrija**

**ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.**
**7 ta' Dicembru, 2000.**

**Charles Falzon**
**Deputat Registratur**
**7 ta' Dicembru, 2000.**